# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Nru.: 231/2019/1 MH**

**Illum, 28 ta' Frar, 2020**

**Anthony u Nadine konjugi Abela u Venues Company Limited**

**vs**

**Avukat Generali u b' verbal tat-2 ta' Diċembru 2019 gie kjamat in kawza Lombard Bank Malta plc**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tar-rikorrenti tas-27 ta' Novembru 2019** li permezz ta' liema ppremettew:

*"Illi r-rikorrenti Anthony Abela u martu Nadine Abela u Venues Company Limited appellaw mis-sentenza fl-ismijiet "Anthony Abela u martu Nadine Abela u Venues Company Limited (C27160) vs. Lombard Bank Malta plc u Ronald Cordina"* – ***Citazzjoni Numru 694/2011*** *– mogħtija mill-Prim'Awla tal-*

*Qorti Civili fit-13 ta' Novembru 2013 li bih cahdet it-talbiet tal-atturi biex il-Qorti "tiddikjara irriti u nulli l-proceduri ta' subbasta numru 35/11 fl-ismijiet "Lombard Bank Malta plc vs. Venues Company Limited".*

*Illi r-rikorrenti socjeta` Venues Company Limited appellat mis-sentenza fl-ismijiet "Lombard Bank Malta plc (C1607) vs. Venues Company Limited (C27160)" –* **Citazzjoni Numru 229/2014** *– moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Mejju 2014 li bih intlaqghet it-talba tal-attur Lombard Bank Malta plc u s-socjeta` Venues Company Limited giet ikkundannata sabiex "fi zmien xahar millum, liema perijodu qed jigi ffissat perentorjament, tizgombra u thalli liberu u vojt favur il-Bank attur il-fond li jgib l-isem 'Villa Madama' fi Triq il-Birbal, Balzan".*

*Illi meta dawn iz-zewg appelli – wiehed preliminari* **Numru 694/2011** *u l-iehor dwar l-izgumbrament* **Numru 229/2014** *– gew appuntati ghas-smigh mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, is-socjeta` Venues Company Limited pprezentat Rikors fil-kawza* **Citazzjoni Numru 229/2014** *fil-21 ta' Gunju 2019 li bih ressqet dina t-talba:*

> *"Ghaldaqstant l-appellanti Venues Company Limited titlob bir-rispett (1) illi l-appell li ghandu jinstema' fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2019 jitmexxa ghal data ohra li tigi wara d-data tal-appell l-iehor fil-kawza 694/2011 u jibqghu jitmexxew hekk; u (2) illi l-appell fil-kawza numru 229/2014 jigi ttrattat wara li jsir maghruf l-ezitu tal-appell fil-kawza numru 694/2011."*

*Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta' Ottubru 2019 tat is-segwenti provvediment:*

> *"Il-Qorti,*
>
> *Rat ir-rikors;*

*Peress li l-Qorti ma tara ebda raguni biex ma tippronunzjax is-sentenza fit-22 ta' Ottubru 2019;*

*Tichad it-talbiet."*

*Illi b'sentenza moghtija fit-22 ta' Ottubru 2019 l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza dwar l-izgumbrament mill-fond Villa Madama (**Citazzjoni Numru 229/2014**) moghtija fl-20 ta' Mejju 2014.*

*Illi, fil-21 ta' Ottubru 2019, jigifieri, lejliet is-sentenza ta' zgumbrament, l-appell preliminari gie ttrattat u thalla ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2019 – u dan minkejja l-informazzjoni li nghatat mir-rikorrenti lill-Onorabbli Qorti tal-Appell permezz tar-rikors tas-26 ta' Gunju 2019, liema rikors lanqas biss giet ordnata n-notifika tieghu lill-kontroparti.*

*Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell, minkejja li ngibditilha l-attenzjoni taghha illi kien hemm appell preliminari li kellu necessarjament jigi deciz qabel ma jigi ttrattat u deciz l-appell mis-sentenza finali dwar l-izgumbrament, iddecidiet l-ewwel l-appell mis-sentenza finali dwar l-izgumbrament u b'hekk inkiser id-dritt ghal smigh xieraq mill-Qorti tal-Appell stess.*

*Illi l-appell preliminari kien importanti hafna ghar-rikorrenti Anthony u Nadine konjugi Abela u Ventures Company Limited peress illi, fl-ewwel lok, 'Villa Madama' hija l-mezz tal-ghixien taghhom. Fit-tieni lok, l-appell kien jirrigwarda n-nuqqas ta' notifika tal-kumpannija Ventures Company Limited u mill-provi prodotti rrizulta li l-marixxall telaq in-notifika ma' individwu li mhuwiex impjegat ta' Ventures Company Limited. Waqt it-trattazzjoni saret riferenza ghal provvediment iehor moghtija mill-Qorti tal-Appell stess (Digriet tal-10 ta' Ottubru 2017 fic-Citazzjoni Numru 1132/2006) fejn, minkejja li l-att gudizzjarju twassal fl-ufficcju registrat ta' certa kumpannija Scala Developments Company Limited, il-Qorti tal-Appell insistiet li jkun hemm il-prova li l-individwu li mieghu thalla l-att gudizzjarju kien effettivament*

*impjegat ta' dik il-kumpannija ("Il-Qorti; Rat ir-rikors; Titlob lir-rikorrent jesibixxi prova li Matthew Abela huwa impjegat tas-socjeta` Scala Developments Co. Ltd."). Fil-kaz odjern, l-ewwel Qorti kienet ikkonkludiet, korrispondentement, illi "Michael Vella qatt ma kien registrat bhala impjegat ta' Venues Limited", u kien dan li ta lok ghall-appell illi n-notifika lil Venues Company Limited kienet nulla. Fit-tieni lok, ghalhekk, b'konsegwenza tan-nuqqas ta' notifika valida, is-subbasta numru 35/2011 kien ikollha tigi kkunsidrata wkoll nulla.*

*Illi l-Qorti tal-Appell tant kienet konxja dwar il-posizzjoni prekarja tar-rikorrenti minhabba li kien hemm Subbasta (Numru 35/2011) imdendla fuqhom, illi b'digriet tad-9 ta' Mejju 2014 (appell 694/11) kienet ipprovdiet hekk:*

*"Il-Qorti,*

*Rat ir-rikors;*

*Tordna lir-rikorrent jiddikjara jekk fl-atti tas-subbasti sarx xi rikors li bih talab is-sospensjoni tas-subbasta."*

*Illi r-rikorrenti odjerni f'rikors li kienu pprezentaw fil-5 ta' Mejju 2014 (fol. 121 u 122 tal-appell 694/11) kienu ddikjaraw hekk:*

> *"Illi fil-frattemp is-socjeta` appellanti ghadha kif giet notifikata bl-anness rikors guramentat (Dok.A) fejn il-bank appellat issa, in segwitu tas-subbasta fuq imsemmija, qed jitlob l-izgumbrament ta' l-istess socjeta` mill-proprjeta` mertu tas-subbasta u li kienet giet liberata favur il-bank.*
>
> *Illi jekk l-appell odjern jigi deciz favur l-appellanti allura l-proceduri tas-subbasta jigu dikjarati nulli u allura l-Lombard Bank Malta plc ma jibqaghlhomx iktar titolu li a bazi tieghu jistghu jitolbu l-izgumbrament ta' l-esponenti mill-proprjeta`.*

> *Illi fil-frattemp jekk il-kawza fejn qed jintalab l-izgumbrament taghhom tilhaq tigi deciza favur il-Lombard Bank l-esponent ser isofru pregudizzju kbir anke jekk imbaghad jinghataw ragun fl-aggravji taghhom.*
>
> *Illi ghalhekk huwa fl-interess tal-partijiet kollha illi l-appell fl-ismijiet premessi jigi appuntat u deciz b'urgenza qabel ma tigi deciza finalment il-kawza l-gdida ta' zgumbrament intavolata mill-bank appellat.*
>
> *Ghaldaqstant l-esponenti jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tappunta l-appell fl-ismijiet premessi b'urgenza u dan taht il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

*Illi l-appell tar-rikorrenti gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-25 ta' Gunju 2018. Sadanittant, il-kawza li biha Lombard Bank Malta plc talab l-izgumbrament taghhom minn 'Villa Madama' giet appuntata, mismugha u deciza fl-20 ta' Mejju 2014.*

*Illi fid-dawl tac-cirkostanzi hawn fuq imfissra, il-ksur tal-garanzija tad-dritt ghal smigh xieraq ma tistax tkun iktar cara minn hekk, peress illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddecidiet il-kawza ta' zgumbrament istitwita mill-Bank qabel ma ddecidiet l-appell fuq punt preliminari ta' importanza kbira. Il-Qorti tal-Appell ghandha diskrezzjoni insindakabbli f'dak l-istadju.*

*Illi tenut kont ta' dawn il-fatti, ir-rikorrenti qeghdin jipprezentaw* ***kontestwalment rikors ghall-hrug ta' mizura provvizorja b'urgenza*** *sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet taghhom qabel ma jigi ezegwit ukoll l-ordni ta' zgumbrament in forza tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-22 ta' Ottubru 2019, qabel ma jkun tard wisq.*

*Ghaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura li ma jkomplix jinkiser l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-*

*Drittijiet tal-Bniedem li jiggarantixxi d-dritt ghal smigh xieraq, billi titwaqqaf l-esekuzzjoni tal-ordni ta' zgumbrament maghmul bis-sentenza dwar l-izgumbrament li giet moghtija fit-22 ta' Ottubru 2019, u b'hekk jigu salvagwardati d-drittijiet tar-rikorrenti u dan <u>sakemm tigi definittivament deciza l-kawza kostituzzjonali pprezentata kontestwalment.</u>*

*Bl-ispejjez."*

Rat **ir-risposta tal-Avukat Generali ta' l-10 ta' Dicembru 2019** permezz ta' liema eċċepixxa -

1. *"Illi din it-tweġiba qiegħda ssir b'ħarsien tad-dikriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Novembru 2019;*

2. *Għalkemm fir-rikors tagħhom, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu għall-ħruġ ta' miżura proviżorja fuq is-saħħa tal-**artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, huma suppost riedu jgħidu l-**artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan għaliex l-azzjoni tagħhom mhijiex mibnija fuq ksur ta' xi artikolu tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** iżda fuq ksur tal-**Konvenzjoni Ewropea**;*

3. *Minn dak li qed jifhem l-esponent, ir-rikorrenti jridu lil din l-Onorabbli Qorti tagħtihom provvediment provviżorju sabiex ma jiġix imwettaq ordni ta' żgumbrament li jista' jiġi mitlub minn Lombard Bank Malta p.l.c.;*

4. *Bħala fatti jidher li b'sentenza fl-ismijiet, **Lombard Bank Malta plc vs. Venues Company Limited (Rik. Nru. 229/14)** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ottubru 2019, il-kumpannija Venues Company Limited ġiet ordnata sabiex fi żmien xahar toħroġ mill-fond bl-isem ta' "Villa*

*Madama", bin-numru uffiċjali mija u sittin (160), li jinsab fi Triq Birbal, f'Ħal Balzan, flimkien mal-ġnien anness miegħu b'daħla fuq Triq Idmejda, f'Ħal Balzan, minħabba li nstab li din il-kumpannija kienet qiegħda żżomm dan il-post bla ebda titlolu tajjeb fil-liġi;*

5. *Qabel ma nqagħtet din il-kawża, il-miżżewġin Abela u l-kumpannija Venues Company Limited kienu fetħu kawża, fl-ismijiet,* **Anthony Abela et vs. Lombard Bank Malta p.l.c. et (Rik. Nru. 694/2011)** *fejn fiha huma attakkaw il-mod ta' kif il-bank kiseb minn irkant ġudizzjarju l-post fuq imsemmi. Din il-kawża ġie mitlufa mir-rikorrenti b'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Novembru 2013, li ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Novembru 2019;*

6. *Kopji ta' dawn it-tlitt sentenzi ġew mehmuża mat-tweġiba għall-kawża konvenzjonali mressqa mir-rikorrenti;*

7. *B'dawn il-fatti quddiemna l-esponent bla tlaqliq ta' xejn jemmen li din it-talba tar-rikorrenti ma ħaqqhiex tintlaqa' u dan għal aktar minn raġuni waħda;*

8. *Ibda biex, l-Avukat Ġenerali m'għandu l-ebda ħsieb li jwettaq xi ordni ta' żgumbrament. Jekk xejn, huwa l-Lombard Bank Malta p.l.c. li jista' jkollu interess li jwettaq l-iżgumbrament. Madankollu l-bank imsemmi mhuwiex parti f'dawn il-proċeduri konvenzjonali u għalhekk ir-rikorrenti ta' xejn li qed jitolbu għal din il-miżura fil-konfront tal-Avukat Ġenerali li mhux beħsiebu jwettaq dak li r-rikorrenti jridu li jżommuh milli jagħmel;*

9. *Naturalment it-talba għall-ħruġ ta' miżura temporanja magħmula mir-rikorrenti f'dawn il-proċeduri tolqot biss lil dawk il-persuni li huma parti f'dawk il-proċeduri u ma tistax tiġi mġebbda biex tgħodd ukoll għal min mhuwiex parti f'dawk l-istess proċeduri. Ifisser dan li mingħajr il-preżenza tal-bank bħala intimati fil-proċeduri konvenzjonali, din it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' miżura temporanja hija waħda li m'hija sejra twassal għal imkien (ara f'dan is-sens id-dikriet* ***Cecil Herbert Jones vs. Avukat Ġenerali*** *mogħti minn din l-Onorabbli Qorti fid-9 ta' Novembru 2018);*

10. *Għal din ir-raġuni biss għalhekk it-talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa';*

11. *Lil hemm minn dan, it-talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa' wkoll għaliex bis-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-proċeduri* ***Anthony Abela et vs. Lombard Bank Malta p.l.c. et (Rik. Nru. 694/2011)*** *u* ***Lombard Bank Malta plc vs. Venues Company Limited (Rik. Nru. 229/14)****, ħareġ: (i) li t-titlu eżekuttiv ta' Lombard Bank Malta plc huwa wieħed tajjeb li jista' jiġi eżegwit kontra r-rikorrenti; (ii) li l-bank huwa s-sidt tal-post inkwistjoni; u (iii) li l-kumpannija Venues Company Limited m'għandhiex jedd bil-liġi li tokkupa l-istess post u għandha toħroġ minn hemm;*

12. *F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk la r-rikorrenti sallum mhumiex meqjusa bħala sidien tal-post inkwistjoni, huma m'għandhom l-ebda jedd jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien ta' xi mandat ta' żgumbrament li jista' jiġi mitlub u mwettaq mill-bank;*

13. *Illi minbarra dan, bħala prinċipju ta' dritt l-għoti tar-rimedju proviżorju m'għandhiex tkun ir-regola kull meta jkun hemm xilja ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem, tkun xi tkun. Anzi pjuttost huwa l-kuntrarju fis-sens li r-rimedju proviżorju għandu jingħata biss f'każijiet estremi u eċċezzjonali;*

14. *Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***Angelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali*** *deċiża fid-9 ta' Jannar 2017 qalet,*

> *«li f'materja tal-hekk imsejħa interim measures huwa ċar l-insenjament ta' din il-Qorti li tali miżuri għandhom jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jazzarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel. (Ara Q. Kost.* ***Joseph Camilleri v. Avukat Ġenerali****, 1/7/2013, li ċċitat b'approvazzjoni mill-ktieb "****Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et*** *(4 ediz. 2006, paġna 113)). Din il-Qorti rriteniet ukoll li miżuri ad interim huma indikati f'każijiet eċċezzjonali. (Ara Q. Kost.* ***Joseph Ruggier et v. Joseph Olivier Ruggier et****, 22/8/2005 #7, #11 [Q.Kost.* ***Federation of Estate Agents v. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni)****, deċiża 25 ta' Settembru 2014]»;*

15. *Kif tajjeb intqal fid-deċiżjoni* ***Mario Borg vs. Avukat Ġenerali*** *mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Ġunju 2016, il-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali, b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorità u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ;*

16. *Ifisser dan kollu li hemm qbil li biex jingħata rimedju bħal dan jeħtieġ illi jintwera li hemm riskju imminenti u reali fuq il-persuna li tkun qed titolbu (ara inter alia* ***Edward Cassar vs. Avukat Ġenerali et*** *maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Frar 2016). Sewwasew f'dak il-każ Edward Cassar kien qed jilmenta li hu ma kienx ġie notifikat bl-avviż tal-appuntament tas-smigħ tal-appell li huwa kien ressaq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Għalhekk huwa argumenta li meta l-Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat l-appell tiegħu bħala wieħed deżert u spiċċa l-ħabs bħala konsegwenza t'hekk huwa ġie mċaħħad milli jsemma' leħnu fl-appell, u dan bi ksur tal-jedd tiegħu għas-smigħ xieraq kif imħares taħt il-* ***Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea****. Pendenti l-kawża kostituzzjonali huwa talab li jikseb rimedju proviżorju biex joħroġ mill-ħabs għaliex fil-fehma tiegħu huwa kien miżmum intortament. Però l-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet it-talba tiegħu għaliex hija ma ratx li dan kien xi*

*każ estrem jew straordinarju li kienu jistħoqqlu l-għoti ta' rimedju proviżorju;*

17. *Biex wieħed jgħid kollox mill-ġurisprudenza ta' dawn l-aħħar żminijiet jirriżulta li l-Qrati tagħna ma tantx laqgħu bil-ħerqa talbiet biex jingħataw rimedji proviżorji;*

18. *Hekk pereżempju fid-deċiżjonijiet* ***Joseph Camilleri vs. Avukat Ġenerali*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Lulju 2013 u* ***Rosario sive Sario Sultana vs. Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Frar 2017, il-Qorti Kostituzzjonali ma tatx rimedju proviżorju biex ġuri kriminali jiġi sospiż sakemm tinqata' t-tilwima kostituzzjonali;*

19. *Ta' min isemmi wkoll id-deċiżjoni* ***Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali [Kompetizzjoni) et*** *deċiża fil-25 ta' Settembru 2014 fejn il-Qorti Kostituzzjonali ma tatx rimedju proviżorju biex pendenti l-kawża kostituzzjonali jiġu mwaqqfa proċeduri dwar ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni fejn setgħu jiġu imposti multi amministrattivi b'valur għoli;*

20. *L-istess ġara fid-deċiżjoni* ***Stephen Nana Owusu vs. Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni et*** *mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 t'April 2018, fejn l-ogħla Qorti Maltija ma laqgħetx talba għal miżura temporanja marbuta mas-sospensjoni ta' ordni ta' tneħħija minħabba li dik il-qorti dehrilha li r-rikorrent ma ressaq l-ebda xrara ta' prova lanqas mad-daqqa t'għajn li huwa kien sejjer iġarrab xi preġudizzju jekk kemm-il darba kellu jintbagħat lura ġewwa l-Ghana, il-pajjiż tan-nisel tiegħu;*

21. *F'deċiżjonijiet oħrajn bħal* ***Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali et*** *mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-16 ta'April 2014),* ***Trevor Bonniċi vs. L-Avukat Ġenerali*** *mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-30 ta' Mejju 2016 u* ***Raymond Mifsud vs. L-Avukat Ġenerali et*** *mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-7 ta' Awwissu 2017, talbiet għal miżuri proviżorji relatati ma' skarċerazzjoni mill-ħabs sakemm jinqatgħu l-kawżi kostituzzjonali wkoll ma ġewx milqugħa għaliex ma tqisux każijiet straordinarji;*

22. *Bil-ħniena hemm bżonn illi jingħad, meta wieħed iqis dawn id-deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, joħroġ ċar li fil-każ tallum mhemmx ċirkostanzi daqshekk gravi li jxaqilbu favur il-ħruġ ta' miżura proviżorja. Dan għaliex fil-każ tagħna m'hemmx kwistjonijiet urġenti jew straordinarji bħal theddid fuq il-ħajja jew l-inkolumità fiżika tal-persuna;*

23. *Biex wieħed ipoġġiha b'mod aktar ċar jekk talbiet serji għar-rimedji proviżorji ġew miċħuda bħal biex persuna tiġi skarċerata mill-ħabs jew biex ġuri kriminali jiġi sospiż jew biex bniedem ma jiġix mibgħut lura f'pajjiżu, kemm aktar allura għandha tiġi miċħuda t-talba 'inqas gravi' tar-rikorrenti li jridu jżommu mandat ta' żgumbrament milli jiġi mwettaq;*

24. *Tabilħaqq wieħed ma jridx ineħħi minn quddiem għajnejh li fil-każ tallum l-iżgumbrament tar-rikorrenti tista' ssir fuq is-saħħa ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell;*

25. *Il-preżunzjoni għandha dejjem tkun li sentenzi u deċiżjonijiet tal-Qrati jiswew u li ngħataw rite et recte. Tassew allegazzjoni ex parte illi sar ksur ta' dritt fondamentali mhijiex ekwivalenti għal sejbien ġudizzjarju ta' ksur ta' drittijiet fondamentali, u hija għalkollox inkompatibbli mas-serjetà tal-proċess ġudizzjarju u mal-finalità li sentenza tinżamm milli titwettaq għax xi ħadd jallega li kien hemm ksur ta' drittijiet fondamentali (ara* ***Stephen Pirotta vs. L-Avukat Ġenerali et*** *mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, fid-19 ta' April 2016);*

26. *Barra minn hekk, anke li kieku wieħed kellu jqiegħed dan kollu fil-ġenb, xorta waħda fil-kuntest tat-talba tagħha biex ma jsirx l-iżgumbrament, il-miżura proviżorja mhijiex indikattiva li tingħata. Dan qiegħed jingħad għaliex, kif diġà ssemma qabel, provvediment bħal dan jitlob li l-ħsara li tkun sejra ssir tkun waħda li ma tistax titreġġa' lura. L-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' miżura proviżorja trid tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor (ara* ***Rosette Thake et noe vs. L-Onor. Prim Ministru et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fid-9 ta' Ġunju 2016). Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas ilmentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes wieħed mill-elementi biex tinħareġ din il-miżura;*

27. *F'dawn iċ-ċirkostanzi kollha għalhekk l-esponent ma jara l-ebda raġuni tajba li għandha twassal lil din l-Onorabbli Qorti biex tagħti r-rimedju provviżorju li qed jitolbu għalih ir-rikorrenti;*

*Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet l-esponent qiegħed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad ir-rikors għar-rimedju proviżorju li tressaq mir-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tagħhom."*

Rat **ir-risposta**[1] **tal-kjamat in kawza Lombard Bank Malta plc ta' l-10 ta' Dicembru 2019** li permezz ta' liema ppremettew:

1. *"Illi preliminarjament Anthony u Nadine konjugi Abela ma ghandhom l-ebda interess guridiku f'din il-procedura odjerna stante illi huma la kienu parti fil-procediment bin-numru 229/2014 u lanqas ma ghandhom l-ebda sehem jew interess fil-propjeta' maghrufa bhala 'Villa Madama' bin-numru ufficjali 160 fi Triq Birbal, Hal Balzan bl-anness gnien b'dahla fi Triq Idmejda u ghalhekk l-ezitu tal-kawza numru 694/2011 in relazzjoni ghall-evizzjoni mill-imsemmi fond ma seta' jolqot bl-ebda mod lill-imsemmija Anthony u Nadine konjugi Abela. Certament ghalhekk illi Anthony u Nadine konjugi Abela ma jistghu jillanjaw minn ebda ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom kif premess fir-rikors promotur u ghall-istess raguni dawn ma ghandhom ebda interess fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' zgumbrament mertu tal-kawza numru 229/14;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-Bank esponent jirreferi ghall-eccezzjonijiet minnu mqanqla fir-risposta tieghu ghar-rikors promotur u a skans ta' ripetizzjoni jissenjala li ghall-istess ragunijiet ma hemm l-ebda htiega li tinhareg xi ordni provizorja biex titwaqqaf l-esekuzzjoni tal-ordni ta' zgumbrament maghmula bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-22 ta' Ottubru 2019;*

[1] Folio 14

3. *Illi l-esponent huwa legalment is-sid tal-fond 'Villa Madama' u inoltre ghandu titolu esekuttiv validu u ghandu kull dritt fil-ligi li jesegwih. Ma hemm l-ebda ordni in vigore li thassar dak it-titolu esekuttiv jew il-mod kif gie ottenut u ghalhekk l-esponent ma jistax jigi mxekkel fl-esekuzzjoni. Il-Kap.12 fl-Artikolu 276 jistipula illi hadd ma ghandu jithalla jaghmel oppozizzjoni ghall-ezekuzzjoni hlief wara li dik l-esekuzzjoni tkun sehhet. Ir-rikorrenti diga' tilfu t-titolu fuq il-propjeta' ghaliex illum is-sid tal-fond in kwistjoni huwa l-Bank esponent. Ma jaghmilx sens ghalhekk li l-esponenti jigu mcahhda mill-pussess ta' dak li huwa legalment hwejjighom minhabba li r-rikorrenti ddecidew li jintavolaw kawza Kostituzzjonali. Ghandu jigi rilevat illi anke fil-kaz ta' ezitu favorevoli ghar-rikorrenti f'din il-kawza (haga li l-esponenti qed jikkontemplaw biss ghall-grazzja tal-argument) f'dak l-istadju r-rikorrenti jkunu imbaghad jistghu jiehdu l-passi li jidhrilhom bil-mezzi ordinarji li taghtihom il-ligi u mhux necessarju li jittiehed xi provvediment f'dan l-istadju, ghaliex mhux lecitu li dment li ma hemm l-ebda pronunzjament fis-sens li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti (u x'ghandhom ikunu r-rimedji f'dak l-eventwali kaz) l-esponenti li huma sidien tal-fond jigu mwaqqfa fl-esekuzzjoni u mwaqffa milli jiehdu pussess fiziku ta' propjeta' li attwalment hija taghhom. Wara kollox anke li kieku r-rikorrenti kellhom (ghall-grazzja tal-argument biss) jinghataw ragun fit-talbiet taghhom, ir-rimedju ghal dak l-ilment mhux necessarjament ikun jincidi fuq il-validita' tat-titolu esekuttiv tal-esponenti jew it-titolu taghhom fuq il-propjeta'. B'hekk ikun bil-wisq sproporzjonat jekk l-esponenti jigu addirittura mfixkla milli jesegwixxu l-ordni legittima ta' Qorti;*

4. *Illi l-ligi kienet taghti bizzejjed rimedji ordinarji lir-rikorrenti biex huma jkunu jistghu jaghmlu l-oppozizzjoni li jidhrilhom li ghandhom*

*jaghmlu u din il-kawza hija biss tentattiv biex il-konsegwenzi naturali tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza numru 229/2014 jigu prolungati inutilment. Ir-rikorrenti diga' ttentaw jaghmlu dan bil-kawza numru 694/2011 u fallew ghaliex instab li kollox sar b'mod regolari. Addirittura l-Qorti tal-Appell sabet li l-argumenti tar-rikorrenti f'dik il-kawza kienu frivoli u vessatorji. Jigi sottomess illi dan huwa biss tentattiv iehor frivolu u vessatorju da parti tar-rikorrenti biex ifixklu l-kors tal-gustizzja u jevitaw il-konsegwenzi ta' sentenza tal-Qorti;*

5. *Illi huwa ben evidenti illi t-talba tar-rikorrenti hija motivata biss bl-iskop li xxekkel lill-esponenti fl-ezekuzzjoni tat-titolu esekuttiv ottenut minnhom bis-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2019 fil-proceduri numru 229/2014. Ir-rikorrenti jghidu li huma garrbu ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom ghaliex il-kawza 229/2014 (li kienet tittratta dwar talba ghal zgumbrament mill-propjeta' liberata bis-sub hasta) giet definittivament deciza qabel ma inghatat id-decizjoni fil-kawza numru 694/2011 dwar il-validita' o meno tan-notifika tal-ittra ufficjali esekuttiva li tat lok ghall-istess sub hasta. Li jrid jinghad ukoll huwa illi l-kawza numru 694/2014 ormai ukoll giet definittivament deciza kontra r-rikorrenti, li jfisser li ma hemm ebda riskju li l-ordni ta' zgumbrament li inghatat fil-konfront taghhom emanat minn xi att null, u ghalhekk verament li ma hemm l-ebda skop biex l-effett ta' tali ordni jigi b'xi mod sospiz. Dan ifisser li l-kawza odjerna hija fl-ahjar ipotesi ghar-rikorrenti semplicement ezercizzju akkademiku stante li r-rizultat tal-kawza 694/2011 ma kellha ebda effett fuq il-validita' tas-sub hasta, u ma ghandu jkun qatt li ordni ta' Qorti tigi mizmuma milli tigi esegwita fuq pretiza mibnija kompletament fuq ezercizzju merament akkademiku. Fil-fatt l-uniku konsegwenza li tigri jekk din l-Onorabbli*

*Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta' mizura provizorja kif mitlub sejra bla dubju tkun illi l-Bank esponent isofri d-danni u illi jigu miksura d-drittijiet fundamentali tal-esponent minhabba l-fatt li ma jkollux mezz biex jesegwixxi titolu esekuttiv li ghandu. Illum huwa stabbilit fil-gurisprudenza illi d-dritt ghal smiegh xieraq ikopri wkoll id-dritt ta' access ghall-Qorti anke ghall-fini li wiehed ikollu mezz biex jesegwixxi titolu esekuttiv li ghandu, u l-fatt li l-kreditur jigi impedut f'dik l-esekuzzjoni bis-sahha ta' ordni ta' Qorti gieli wasslet ghal sejbien ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-kreditur stress (ara Dr Joseph Zammit Tabona et vs Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru 2018);*

6. *Illi jigi rilevat ukoll illi Venues Company Limited (is-sid precedent tal-fond 'Villa Madama') kellha kull opportunita' li titlob is-sospensjoni tas-sub hasta waqt li din kienet ghadha pendenti jekk hija riedet tattakka l-validita' ta' dawk il-proceduri u jekk naqset li taghmel hekk u halliet il-proceduri ta' sub hasta jiehdu l-kors kollu taghhom ma tistax issa tittanta tregga' lura l-effetti ta' dik is-sub hasta billi taghmel talba ghall-hrug ta' mizura provizorja f'dawn il-proceduri;*

7. *Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta' mizura provvizorja ghandha tigi respinta."*

Rat l-atti kollha.

Semgħet it-trattazzjonjiet

Ikkonsidrat

A skans ta' l-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur ukoll għar-risposta fir-rigward biex wieħed jifhem l-iter ta' dak kollu li ssuċċeda u għal mertu tat-talba interim odjerna.

Illi fl-ewwel lok jiġi premess illi l-Avukat Generali għandu ragun meta jippremetta illi f'din il-proċedura interim hija waħda msejjsa biss fuq l-artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta n kwantu t-talba fir-rikors promotur hija waħda ventilata ai terminu ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Għalhekk il-Qorti hija ċirkoskritta li teżamina biss minn dan il-lat din it-talba ta' mizura interim.

Illi fit-tieni lok għandu jiġi rilevat a priori illi dawn il-proċeduri huma ta' natura provisorja , għalhekk l-eżami li għandha taghmel il-Qorti huwa wieħed bħal fil-kaz ta' kull att provisorju ieħor li mhux neċessarjament jidettermina l-eżitu tal-mertu prinċipali. Dawn fil-fatt ma jinvolvix ezami *n funditus* tal-lanjanza kostituzzjonali/konvenzjonali, imma mizuri biex drittijiet reklamati jiġu protetti sa dan il-punt. Għalhekk għalkemm il-Qorti tifhem ben sew l-eċċezzjoni ta' l-intimat fil-konfront tal-*locus standi* tal-konjugi Abela f'dawn il-proċeduri, tirriserva li tezamina u tidettermina dan fir-rikors prinċipali.

Il-Qorti tifhem ukoll, kif sew ilmenta l-bank intimat fir-risposta tiegħu, illi milqugħa din it-talba, jkun qed jiġu f'dan l-istadju preliminari milquta d-drittijiet propjetarji li akkwista il-bank bis-subasta fil-konfront tal-propjeta *de quo agitur*. B'dan kollu l-bank għandu ragun. Mhux in kontestazzjoni li mizuri

interim provisorji jolqtu b'mod inevitabbli preliminarjament l-pretensjonijiet u drittijiet pretiżi mill-kontroparti qabel ma tkun ben determinata b'mod finali l-vertenza prinċipali. Tant li naraw fl-istudju fl-ismijiet **INTERIM MEASURES AND THE APPLICABILITY OF ARTICLE 6**[2] din il-vertenza ġiet indirizzata indirizzat hekk:-

*"However the mechanism of interim measures leads us right into further dilemmas*[3]*. Apart from the fact, that the status quo may be the result of pure chance that the plaintiff rather than the defendant happens to be in possession of the subject of litigation or the possibility to use the right at stake, a fair trial also requires equal treatment of the parties to litigation which implies non-interference with party's rights before judgement. In this context it shall be noted that an interim measure doesn't always prohibit an act of activity of the opponent (passive side) but may even dictate an action (active side).*

*Moreover a request for an interim procedure is usually an ex-parte proceeding. This means the principle of urgency contravenes the opponent's right to issue a statement in his favour. Granting an interim measure therefore establishes a situation which infringes the legal position of one party before having proven the facts of the case or even before gathering evidence. Furthermore in such cases the judge usually will only have the plaintiff's statement and a few tools submitted by the plaintiff at his disposal to find a solution. If then the court remains impartially passive until the parties have proven their entitlement, time passing in litigation may render the later judgement useless, as the examples above have shown. It should be borne in mind, however, that any course of pre-judgement interference is problematic.*

---

[2] **Minna Aichinger, Werner Petritz and Elisabeth Reich, Vienna (Austria)**

[3] Zuckermmsan, A.A.S: Interlocutory Remedies in Quest of Procedural Fairnerss, The Modern Law Review, Vol. 56 (19930 No. 3, pp. 325-341 (p. 326).

*As a further consequence of this ex-parte proceeding such an interference generally results in negligence of the principle of equality of arms since giving the opponent a chance to provide argument and evidence in his favour will usually contradict the aim of an interim protection. On the other hand - as shown above - the opponent may have a legitimate interest but only gets limited procedural protection by appealing to court.*

*This problem is further deepened by the fact that an interim measure is a pre-judgement interference into human rights in almost every case. For example, it frequently interferes with the right of possession (Art. 1 of the 1st Additional Protocol to the ECHR). But as the example above has shown also other basic human rights, that are of great importance to democratic societies, may be concerned which cannot – or at least only in an improper way – be compensated afterwards. The right of freedom of expression (Art. 10) and all rights related to family life (Art. 8) are comprehensible examples.*

*As a conclusion, interim protection of party's rights in litigation is an attempt to attenuate the consequences of the dilemma of justice and time and tries to achieve the fundamental objective of the effectiveness of judicial protection. By granting this legal instrument to only one side of litigation legal systems accept a disadvantage on the defendant side who has only limited procedural protection even if human rights are concerned. But this effect lies in the nature of his legal instrument."*

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet naraw lir-rikorrenti jibni din it-talba tiegħu fuq l-fatt li nonstante li presenta rikors biex l-Qorti ta' l-Appell l-ewwel tidisponi minn appell b'vertenza skontu preliminari fejn kienet qed tiġi attakata in-notifika ta' l-ittra uffiċjali interpellatorja għal ħlas ta' self mogħti b'kuntratt,

fejn is-soċjeta' rikorrenti kienet anke garanti, li ġabet t-titolu eżekuttiv ai termini ta' l-artikolu 256(2) tal-Kap 12, għalhekk bil-konsegwenza ta' attakk fuq l-eventwali subbasta u t-titolu akkwistat mill-bank[4], minflokk il-Qorti għaddiet biex tinjora dan u tiddetermina l-ewwel l-appell li kien jittratta l-iżgumbrament mill-fond indikat tar-rikorrenti fiż-żmien perentorju hemm indikat u konsegwentement biex l-istess propjeta' tiġi liberata a favur il-bank intimat[5]. Jargumetaw ir-rikorrenti illi b'hekk ġie lez id-dritt tas-smiegħ xieraq tagħhom għax kieku in-notifika kkontestata ġiet dikjarata monka, konsegwetement it-titolu fir-rigward a favur il-bank kien isofri l-istess fatalita' u l-iżgumbrament ordnat kien jitlef l-effett tiegħu. In sintesi dan hu l-ilment li jressqu r-rikorrenti.

Ikkunsidrat ulterjorment.

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ġia ġie determinat fil-proċediment simili fl-ismijiet **Cecil Herbert Jones vs Avukat Generali**[6] fejn ġie muri l-applikazzjoni ta' l-imfittxija mizura interim-:

*"Magħdud ma l-istudju li sar f'dan id-digriet suriferit fejn t-talab għal mizura interim għandha ssib applikazzjoni, din il-Qorti tagħmel ukoll referenza ampja għal* ***Factsheet*** *maħruga mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem*[7] *dwar is-suġġett in ezami li tagħti linji gwida ċari fejn din il-mizura straordinarja għandħa tintuża;-*

*'The European Court of Human Rights may, under Rule 39 of its Rules of Court, indicate interim measures to any State party to the European Convention*

[4] Ċitazz numru 694/2011
[5] Ċitazz numru 229/2014
[6] Fl-Atti tar-Rikors 95/18MH d
[7] Jannar 2019; Press Unit

*on Human Rights. Interim measures are urgent measures which, according to the Court's well-established practice, apply only where there is an imminent risk of irreparable harm. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question.*

*In the majority of cases, the applicant requests the suspension of an expulsion or an extradition. The Court grants such requests for an interim measure only on an exceptional basis, when the applicant would otherwise face a real risk of serious and irreversible harm. Such measures are then indicated to the respondent Government. However, it is also possible for the Court to indicate measures under Rule 39 to applicants."*

L-istess **Factsheet** tkompli illi:-

*"**Scope of interim measures***

*In practice, interim measures are applied only in a limited number of areas and most concern expulsion and extradition. They usually consist in a suspension of the applicant's expulsion or extradition for as long as the application is being examined.*

*The most typical cases are those where, if the expulsion or extradition takes place, the applicants would fear for their lives (thus engaging Article 2 (right to life) of the European Convention on Human Rights) or would face ill-treatment prohibited by Article 3 (prohibition of torture or inhuman or degrading treatment) of the Convention. **More exceptionally, such measures may be indicated in response to certain requests concerning the right to a fair trial***

***(Article 6 of the Convention)***[8] *and the right to respect for private and family life (Article 8 of the Convention).*

*In the Court's case-law as it currently stands, Rule 39 of the Rules of Court is not applied, for example, the following cases: to prevent the imminent demolition of property, imminent insolvency, or the enforcement of an obligation to do military service; to obtain the release of an applicant who is in prison pending the Court's decision as to the fairness of the proceedings; to ensure the holding of a referendum2; or to prevent the dissolution of a political party."*

*l-istess* **Factsheet** *tkomppli biex telenka mbagħad il-kazijiet fejn din il-miżura ġiet apllikata mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem-:*

- *Expulsion or extradition cases; risk to life or torture, inhuman or degrading punishment or treatment;*

  …

- *Risk of ill-treatment realatred to sexual orientation*

  …

- *Risk of stoning for adultery*

  …

- *Risk olf being subject to genital mutilation*

  …

- *Risk of Social Expulsion*

…

- *Risk of Sexual Exploitation*

  …

[8] Enfasi tal-Qorti.

- *Expulsion cases with a health/medical element*

  ...

- *Risk of being sentenced to death or life imprisonment if extradited*

  ...

- *Risk of flagrant denial of justice ( hawn dejjem trattat mill-lenti ta' expulsion u jew extradition)*

  ...

- *Risk to private life and Family ..."where there is a potentially irreparble risk to private life and family"*[9]

  ...

- *Particular situation of expulsion/extraditions to another State party to the Convention*

  ...

- *Health and conditions of detention.*

  ...

- *Preventing the destruction of an element essential for the examination of an application*

  ....

- *Right to a fair trial and legal representation.*

  ...

- *Stay of execution of a decision authorising to discontinue nutrition and hydration allowing patient in state of total dependence to be kept alive artificially.*

  ...

- *Stay of removal order"*

[9] Factshett pagna 7

Naraw fil-fatt li minn din l-istess **Factsheet** l-artikolu 6 invokat ġie *"engaged"* fi kliem l-istess meta si tratta ta' ta' riskju ta' *"flagrant denial of justice in the event of expulsion and extradition"*[10]

**Karen Reid** fil-ktieb **A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights***"* kienet ta' l-istess ħsieb tgħid illi :-

***"As a general practice, measures*** *(riferibbilment għal interim procedure)* ***are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb … While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39*** *(riferribbilment ghar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR)* ***has not been applied save in a few exceptional cases. Matters of detention or interference with property, for example, are not regarded as necessitating interim measures."*** [11]

Interessanti dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fir-rigward fi proċediment provisorju li kien jitratta fost oħrajn allegazzjoni ta' ksur ta' l-artikolu invokata mir-rikorrenti odjerni dan ismijiet **Emmanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et.**[12]

*"Illi s-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali mhumiex imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi dispożizzjon xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin*

[10] Pagna 6; jisemmew id-deċizzjonijiet fl-ismijiet **Soering vs U.K** 1989; **Othman vs U.K** 2012; **Ismoilov vs Russia** 2008.
[11] 4th Edition – Sweet & Maxwell pagna 12 et. Seq.

[12]PA (Kost) - per On.Imh.J.R.Micallef - 2 ta' Gunju 2014.

*fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;*

*Illi hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet[13];*

*Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita` u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment.[14] F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu[15].* ***Għalhekk, mhuwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ.*** *Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ[16];(enfasi ta' DIN il-Qorti)*

*Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew proviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippregudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha"*

---

[13] Ara provvediment P.A. (Kost) AJM 5.10. 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Gauci et vs Avukat Ġenerali et.**
[14] Q.E.D.B 6.2. 2003 fil-kawza fl-ismijiet **Mamatkulov et vs Turkija** (Applik.Nru. 46837/99)$110
[15] **Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak**; IBID
[16] Deg P.A. (Kost) AE 16.4,2014 fil-kawza fl-ismijiet **Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali**.

Naraw li fi żvilup dwar dan il-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem kienet aktar rilassata f'applikazzjoni ta' tali mizura fejn si tratta l-artikolu 6, għalhekk f'kitba oħra dwar is-suggett in eżami intitolata **European Court Of Human Rights - recent decision on the applicability of Article 6 to injunction proceedings**[17]**,** sar studju dwar id-deċizzjoni li tat il-Grand Chamber, imsejjħa '*the new approach',* deċizzjoni li ħadet il-Qorti fir-rigward f'sentenza li attwalment ingħata fil-kawza fl-ismijiet **Micallef vs Malta**[18]**,** fejn b'mod eċċezzjonali dawn l-interim proccedings ġew *engaged* fil-konfront ta' l-artikolu 6, hawn fil-konfront ta' l-imparzjalita' tal-Qorti.

***"The new approach***

*Under the new approach, Article 6 will only apply to interim measures where certain conditions are fulfilled. First, the underlying right or obligation at stake must be "civil" within the meaning of Article 6. Second, the nature of the interim measure, its object and purpose as well as its effects on the right in question should be scrutinised. Whenever an interim measure can be considered effectively to determine the civil right or obligation at stake, notwithstanding the length of time it is in force, Article 6 will be applicable.*

*Applying the new approach to the facts of this case, the Court found that the substance of the rights at stake, namely property rights, was "civil" in nature. The purpose of the injunction was to determine, albeit for a limited period, the same right as the one being contested in the main proceedings, and which was immediately enforceable. The criteria were fulfilled and Article 6 was engaged."*

[17] Lexology; Herbert Smith Freehills LLP
[18] Micallef (Grand Chamber) 15.10.2009, 17056/06

Meqjuz dan kollu riprodott, jingħad fil-konfront tar-rikors promotur odjern illi bla dubbju d-dritt imfittex mir-rikorrenti jaqa' sew taħt ir-rekwisit ta' dritt ċivili in kwantu huwa wieħed li jitratta drittijiet ta' natura propjetarji. Fin in fondo ir-rikorrenti jfittex li jattaka it-titolu ezekuttiv li akkwista l-bank darba lis-subbasta saret waħda finali ukoll bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell 229/2014. Pero u dan huwa ta' intopp għas-suċċess tat-talba in eżami**, u dan jingħad mingħajr ebda pregudiżżju għal dak li jista jkun l-eżitu finali tar-rikors konvenzjonali promotur, <u>is-sitwazzjoni llum hi li fil-fatt in-notifika kkontestata li suppost b'konsegwenza ġġib monk it-titlu tal-bank, ġiet dikjarata bħala waħda valida mill-Qorti tal-Appell,</u> irrelevanti minn meta din id-deċizzjoni ngħatat.** Jingħad ukoll kif sew semma l-Avukat Generali lis-soprassessjoni hija fakoltativa u mhux kif donnu jippretendu r-rikorenti għazla tassattiva u awtomatiku meta mitluba. Anzi għar-ragunijiet ben magħrufa u stabbiliti fil-ġurisprudenza nostrana ta' applikazzjoni ristretta. Oltre hekk l-istess rikorrenti naqsu li jikkawtelaw id-drittijiet minnhom pretiżi fl-istess atti tas-subasta meta kien iż-żmien opportun li jsir dan. Anke tenut kont ta' kif inhi formulata t-talba fir-rikors promotur, ċioe' id-dikjarazzjoni ta' ksur ta' l-artikolu 6 ukoll l-ordni ta' ħlas ta' kumpens xieraq, tenut kont ukoll tad-diskrezzjoni ampja li għandha din il-Qorti fl-għoti tar-rimedju jekk ikun il-kaz, tqies li l-estermita' tal mizura interim mhix waħda dovuta f'dan il-kaz. Anke jekk it-talba prinċipali tar-rikorrenti ssib fin in fondo suċċess, dan ma jfissirx lit-titolu ezekuttiv ta' l-intimati għandu jiġi mminat.

**Konsegwentement magħmula dawn il-kostatazzjonijiet tiċħad it-talba.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**